# MALTA
# TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA
# MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA

**24 ta' Novembru, 2022**

**Rikors Numru 43/2022**

**Alex Tanti**

**Vs**

**L-Awtorita` tal-Artijiet**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Alex Tanti** ippreżentat fil-25 ta' Mejju, 2022, li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

*Illi permezz ta' applikazzjoni intavolata mal-Awtorita intimata numru GLA 12/2022/0998, l-appellanti talab "Placing of tables and chairs".*

*Illi permezz ta' deċiżjoni komunikata lill-appellanti datata tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-Awtorita' appellata ċaħdet it-talba ta' l-appellant u dan skont is-segwenti:*

> *Decision: Refuse Consent*
> *P5 Allowable Outdoor Catering Areas in public open spaces - In all areas, outdoor catering areas, which are contagious and related to kiosks, shall be expressly prohibited. (Dokument A)*

*Illi l-appellant iħossu aggravat b'din id-deċiżjoni u qiegħed umilment jinterponi dan l-appell.*

*Illi l-aggravji tal-appellanti huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

***L-Ewwel Aggravju - L-inkonsistenza tal-Awtorita' tal-Artijiet fil-kunsiderazzjoni u d-deliberazzjoni tagħha versu l-akkordar tal-konċessjonijiet entro l-istess stabbiliment!***

*Illi jibda sabiex jingħad illi dan il-plot li fuqu hemm dan l-istabbiliment tal-ikel mertu tal-applikazzjoni odjerna, kien ingħata b'titolu ta' enfitwesi mill-Awtorita' tal-Artijiet lil missier l-istess esponent (Proprjeta' numru: 079271 - Vide Dokument KK1), b'dan ukoll illi dan l-istess stabbiliment diġa' għandu konċessjoni għall-imwejjed għal fuq waħda min-naħa tal-istess stabbiliment (Enroachment Reference: E 264488), liema encroahment għadu jiġi mħallas u estiż sal-lum.*

*Illi għalhekk, dan l-istess stabbiliment illi skont il-parametri tal-Awtorita' tal-Artijiet ma jikkwalifikax għal tali konċessjoni, l-istess Awtorita' intimata diġa' kienet u għadha qiegħda tikkonċedilu konċessjoni għall-imwejjed u s-siġġijiet għal fuq il-ġenb tal-istess stabbiliment.*

*Illi għalhekk u bir-rispett dovut, ma tistax l-Awtorita', dwar l-istess stabbiliment, f'konċessjoni minnhom tqisu illi jinkwadra l-parametri u r-regolamenti tagħha, tant illi akkordat l-konċessjoni ċitata, u fl-istess waqt tiddelibera* ***illi dan l-istess stabbiliment imur kontra l-parametri regolanti l-ħruġ tal-konċessjonijiet tal-imwejjed u s-siġġijiet minn ħdan l-Awtorita' tal-Artijiet.***

***It-Tieni Aggravju – Illi l-operat u l-pożizzjoni ta' dan l-istabbiliment hija xi ħaġa permanenti.***

*Illi jingħad illi hawn non si tratta sempliċiment ta' xi 'kiosk' li jassimila għal xi mobile kiosk jew hawker iżda għal stabbiliment tal-ikel li huwa u ilu bbażat f'din l-area għal diversi snin – U għalhekk u bid-dovut rispett, bl-ebda mod u bl-ebda manjiera m'għandha tittieħed l-impressjoni illi hawn si tratta ta' xi small food stall jew mobile kiosk jew mobile hawker u ċioe' li jassimila xi temporanjeta'.*

*Illi anzi jkun bil-wisq opportun illi di fatti jiġi kkwotata d-deskrizzjoni tas-sit illi kienet ġiet obbligata li tiġi kostruita l-istess konċessjoni efetewtika surreferita ossia "to build a permanent improvements, consisting of a kiosk". Dan qiegħed jingħad għaliex anke l-Awtorita' intimata, qatt ma kkunsidrat tali stabbiliment bħala xi wieħed temporanju iżda invece bħala "built" u "permanent".*

*Illi għalhekk ma jistax wieħed jgħid illi tali stabbiliment jaqa' taħt il-mera defenizzjoni ta' kiosk – iżjed u iżjed meta hija l-Awtorita' stess rrikonoxxiet dan kollu kemm tramite il-konċessjoni efetewtika, kif ukoll tramite l-akkordar tal-konċessjoni surreferita (Enroachment Reference: E 264488).*

***It-Tielet Aggravju - Illi għalhekk u bid-dovut rispett, ir-raġunijiet mogħtija fir-rigward tar-rifjut m'humiex ġusti u meritevoli fid-dawl tal-istorja kkonċernanti s-sit u l-konċessjoni tal-imwejjed u s-siġġijiet diġa' akkordata. U dan qiegħed jingħad espressament fir-rigward tal-ħarsien tal-prinċipji naturali tal-ġustizzja – senjalatament versu l-kunċett tal-legitimate expectation.***

***Ir-raba' Aggravju - Illi għalhekk, id-deċiżjoni tal-Awtorita' kienet imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati u min-naħa l-oħra naqset li tieħu in kunsiderazzjoni fatti passati mertu tal-istess sit konċernat. Dan kollu juri biċ-ċar illi l-mod u l-manjiera nel quale ġiet deċiża din l-istess applikazzjoni huwa bil-wisq inġust versu d-drittijiet tal-applikant għall-konsiderazzjoni xierqa ta' dawn l-applikazzjonijiet u dan hekk kif il-mod li ġiet deċiża din l-istess applikazzjoni, tirrispekkja bil-wisq proċedura raffrettata lil hinn mill-kunsiderazzjonijiet li kellha di fatti tieħu l-Awtorita' fir-rigward tas-sit in kwestjoni.***

***Il-Ħames Aggravju – lli inoltre u assolutament mingħajr preġudizzju għal dak diġa' premess, tali permessi għal siġġijiet u mwejjed f'areas simili, huma regolarment mogħtija u dan hekk kif hemm diversi konċessjonijiet mogħtija mill-Awtorità intimata sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet li jħaddnu l-istess karatteristiċi tal-lok in kwestjoni.***

*Illi jingħad espliċitament illi dan l-aggravju m'għandux jitiqies bħala xi aggravju fejn qed tiġi lamentata xi deskriminazzjoni. Dan għaliex dak li qiegħed U dan għaliex dak li nveċe qiegħed jilmenta minnu l-istess rikorrent huwa illi l-irregolarita' u d-diskrepanza fl-akkordar tal-permessi da parti tal-istess Awtorita' intimata.*

*Illi filwaqt illi huwa vera illi kull applikazzjoni trid tiġi kkunisdrata on its own merit, ir-regolamenti u l-parametri li dwarhom tiddelibera l-Awtorita' tal-Artijiet huma kostanti – u għalhekk u bir-rispett dovut, ma jagħmel xejn sens illi jkun hemm diskrepanza f'permessi konċernanti siti simili jew identiċi meta l-parametri in kwestjoni kienu u baqgħu l-istess.*

*Illi għalhekk u in vista tas-suesposti aggravji, l-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għall-provi kollha ġia' mressqa quddiem l-appellata Awtorita', u b'riserva għall-presentata ta' dawk il-provi li dan it-Tribunal iħoss opportun, ir-rikorrenti bir-rispett titlob illi dan it-Tribunal jogħġbu jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' apppellata, datata tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u dan filwaqt illi jilqa' l-aggravji ta' dan l-appell.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ippreżentata fl-14 ta' Ġunju, 2022, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-appellant issottometta applikazzjoni mal-esponenti bin-numru GLA12/2022/0998, fejn huwa talab illi jqiegħed imwejjed u siġġijiet biswit Gelateria Tanti Gabbana, Triq Bieb l-Imdina, Rabat.*

*Illi l-esponenti irrifjutat din it-talba skont l-OCA Policy 'P5 Allowable Outdoor Catering Areas in public open spaces – In all areas, outdoor catering areas, which are contigious and related to kiosks, shall be expressly prohibited'.*

*Illi b' mod preliminari u fattwali, l-esponenenti tindika li kif su-spjegat, u kif jirriżulta mill-applikazzjoni stess, din it-talba saret in konnessjoni mal-kiosk li iġġib l-isem ta' Gelateria Tanti. L-Esponenti stess kienet di fatti ikkonċediet din l-art permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Anthony Hili tat-8 ta' Marzu 2013 b'ċens temporanju. L-Ewwel kundizzjoni fl-istess konċessjoni tgħid 'The emphyteutae are to build permanent improvements, consisting of a kiosk ...'*

*Illi għalhekk, mingħajr l-ebda dubju, dan is-sit ġie konċess speċifikament għall-kostruzzjoni ta' kiosk, u aktar minn hekk ma hemm l-ebda dubju li dan is-sit huwa kiosk. Dan hekk kif ukoll, din l-istruttura tirriafiġġura fid-definizzjoni ta' kiosk kif mogħtija mill- OCA Policy; Policy bejn diversi entitajiet Governattivi u liema hija pubblika u tinsab aċċessibli saħansitra online.*

*Illi fir-rigward tal-**<u>ewwel aggravju</u>** tal-Appellanti, l-esponenti tibda billi tissenjala li ma huwa minnhu xejn li hemm xi inkonsistenza fil-kunsiderazzjoni u d-delibarazzjoni tagħha versu l-akkordar ta' konċessjonijiet tal-istess stabbiliment.*

*Illi fl-ewwel lok jiġi senjalat li l- Encroachment E 264488 ġie konċess snin ilu u ilu jitħallas sa minn tal-anqas is-sena 2013 u dan kif ser jiġi ippruvat fil-mori. Żmien fejn l-policies applikabbli kienu differenti.*

*Illi aktar minn hekk, il-fatt li hemm Encroachment in vigore li jmur kontra l-policy preżenti, bl-ebda mod ma jista qatt jiġġustifika jew jagħti xi jedd lill-appellant li jinħareġ xi encroachment permit ulterjuri li jmur kontra il-policy imsemmijja. Li kieku l-esponenti kellha tiddeċiedi abbażi ta' dan ir-raġunament, ċertament li kienet tkun qiegħeda tagħmel konsiderazzjonijiet żbaljati u li ma humiex f' lokhom.*

*Illi fir-rigward **<u>tat-Tieni Aggravju</u>**, l-appellanti tissenjala li l-istabbiliment huwa ta' natura permanenti. L-Esponenti tibda billi tissenjala li dan il-fatt ma huwiex kontestat.*

*Illi aktar minn hekk, il-fatt li l-kiosk huwa ta' natura permanenti qatt ma ġie kontestat mill-esponenti. Fil-fatt, jirriżulta kjarament minn qari tar-raġuni li fuqha hija ibbażata id-deċiżjoni, li r-rifjut ma ingħatax għaliex il-kiosk kien temporanju jew permanenti, iżda għax sempliċiment in-natura ta' dan l-istabbiliment hija ta' kiosk (tant li l-appellant stess isejjaħlu bħala gabbana).*

*Illi lanqas ma jista' jiġi argumentat mill-appellanti li dan is-sit ma huwiex kiosk minħabba li huwa ta' natura permanenti. L-esponenti tibda billi tissenjala li fl-ewwel lok, l-OCA policy tiddefinixxi kiosk bħala 'all types of kiosks, be they merely small food stalls, **kiosks that are permanently fixed to a particular site,** mobile kiosks occupying a fixed space on a permanent basis, or mobile hawkers'.*

*Illi din in-natura tiġi ikkonfermata wkoll mill-konċessjoni innifisha ta' ċens temporanju fuq l-art li kellha tintuża għall-kiosk. Li kieku is-sit ma kienx kiosk, din il-konċessjoni ma kienetx tkun tista tingħata. Konsegwentament m' għandu jkun hemm l-ebda dubju li din il-gabbana hija kiosk.*

*Illi fir-rigward **<u>tat-tielet aggravju</u>**, l-esponenti tissenjala li l-appellant ma kellu l-ebda legitimate expectation li jiġi konċess lilu permess ulterjuri għall dak li kien diġa kellu. L-Esponenti qatt ma wriet xi intendiment li tagħti xi konċessjoni oħra lill-appellant.*

*Illi fir-rigward **<u>tar-raba aggravju</u>**, jiġi senjalat li l-Awtorita' esponenti ħadet in konsiderazzjoni l-fatti kollha relevanti u applikabbli.L-Awtorita' anzi kienet diliġenti li irrifjutat din it-talba. L-Esponenti kienet tkun inġusta anzi li kieku għamlet dak li qed jippretendi l-appellant, u dan hekk kif hija kien ikollha tikkonsidra konsiderazzjoni irrelevanti u li joħolqu żbilanċ kbir.*

*Illi aktar minn hekk, l-esponenti tindika li din l-applikazzjoni ħadet il-perkors normali tagħha, u li jekk xejn, kwalunkwe allegazzjoni in kontrarju ta' dan trid tiġi provata mill-appellant.*

*Illi fir-rigward* ***tal-ħames aggravju,*** *l-esponenti tissenjala illi ma huwiex minnhu li l-esponenti ikkonċediet konċessjonijiet li jħaddnu l-karatteristiċi tal-lok u ċ-ċirkostanzi in kwistjoni. Aktar minn hekk kwalunkwe eżerċizzju f' danis-sens għandu jkun ta' like with like.*

*Illi oltre dan, l-esponenti tenfasizza li hija tirrifjuta talbiet bħall dawn b' mod kostanti, u dan kif jirriżulta saħansitra minn diversi appelli intavolati quddiem dan l-Onorabbli Tirbunal stess. Din il-prassi hija across the board u ilha tiġi implimentata mid-dħul fis-seħħ tal-OCA Policy.*

*Illi għalhekk l-esponenti tissenjala li ma hemm l-ebda irregolarita jew diskrepanza fil-mod ta' kif l-esponenti tiddeċiedi applikazzjonijiet bħall dawn.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk kien hemm xi konċessjoni kif allegat mill-appellant f' xi lok ieħor f'sitwazzjoni identitka, bl-ebda mod ma dik il-konċessjoni tista b' xi mod jew ieħor twassal għall-konklużjoni li din l-applikazzjoni kellha tiġi aċċettata. Aċċetazzjoni abbażi ta' argument bħall dan tkun ferm inġusta, u ibbażata fit-totalita' tagħha fuq konsiderazzjonijiet li huma irrelevanti.*

*Għaldaqstant, dan l-Onorabbli tribunal għandu jiċħad it-talbiet kollha mressqa quddiemu mil-appellanti, u dan bl-ispejjeż interament għall istess appellanti.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` ta' l-Artijiet datata 12 ta' Mejju, 2022, li permezz tagħha ġie nfurmat illi l-applikazzjoni tiegħu sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet biswit gabbana ġewwa r-Rabat kienet ġiet rifjutata. Ir-raġuni mogħtija mill-Awtorita` għal dan ir-rifjut kienet illi l-proposta tar-rikorrent kienet tmur kontra l-*Guidelines on Outdoor Catering Areas on Public Open Spaces (OCA Policy),* liema *policy* tipprojbixxi li jingħataw konċessjonijiet sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet biswit *kiosks*.

Mill-provi prodotti jirriżulta illi permezz ta' att notarili datat 8 ta' Marzu, 2013, il-Kummissarju tal-Artijiet ikkonċeda lil ċerti Renato Tanti u Rita Tanti biċċa art b'titolu ta' enfitewsi temporanja għal ħamsa u għoxrin (25) sena ġewwa l-Imdina. Fi klawsola 1 tal-imsemmi kuntratt ġie stipulat hekk: *"The emphyteutae are to build permanent improvements, consisting of a kiosk, costing not less than twenty three thousand, two hundred and ninety three Euros*

*and seventy three cents (€23,293.73) within one year as from the issue of all the necessary permits required by law."* "[1]

Jirriżulta wkoll illi fit-28 ta' Novembru, 2013, il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lil Renato Tanti li kien qiegħed jikkonċedilu permess li jpoġġi mwejjed u siġġijiet fuq art li kienet immarkata fuq pjanta annessa mal-istess ittra.[2]

Jirriżulta illi r-rikorrent talab lill-Awtorita` intimata tagħti l-kunsens tagħha sabiex ikun jista' jipproċedi mal-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex japplika għat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika u dan kif aħjar deskritt fuq il-pjanta esebita a fol. 42. Mill-istess pjanta jirriżulta li s-sit mitlub għandu qisien ta' ċirka 26.36 menri kwadri.

Illi permezz ta' ittra datata 12 ta' Mejju, 2022, l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent illi l-applikazzjoni tiegħu kienet ġiet miċħuda għar-raġunijiet indikati iktar 'il fuq.

**Ikkunsidra:**

Illi l-bażi tar-rifjut tal-applikazzjoni odjerna hija l-Policy P5 tal-OCA Policy li tgħid hekk *"In all areas, Outdoor Catering Areas which are contiguous and related to Kiosks shall be expressly prohibited."*

Illi t-Tribunal eżamina l-pjanta tal-istabbiliment in kwistjoni li ġiet sottomessa mal-applikazzjoni tar-rikorrent u li minnha jirriżulta illi s-sit in kwistjoni jifforma parti minn *area* ta' *playing field* anke jekk jirriżulta li hemm ħadid divizorju baxx li jifred l-imsemmija parti mill-bqija tal-*playing field.*[3] Illi jirriżulta wkoll illi l-gabbana għandha bieb li proprju jagħti għal fuq dan is-sit u li fuq l-istess sit hemm armata struttura ta' *canopy* taħt liema r-rikorrent ammetta li ġieli ħareġ xi żewġ imwejjed. It-Tribunal josserva illi fl-applikazzjoni odjerna r-rikorrent qatt ma talab permess biex jagħmel *canopy* fuq art pubblika.

Illi t-Tribunal josserva wkoll illi għalkemm l-applikant f'dan il-każ huwa r-rikorrent **Alex Tanti** minn imkien ma jirriżulta b'liema titolu huwa qiegħed jiġġestixxi l-gabbana in kwistjoni. Minn dak li ġie prodott quddiem dan it-Tribunal jirriżulta li l-konċessjoni ngħatat lil **Renato u Rita Tanti** u li sabiex l-istess Tanti setgħu jiddisponu mill-konċessjoni bi kwalunkwe mod huma riedu l-kunsens bil-miktub tal-Kummissarju tal-Artijiet, illum l-Awtorita` ta' l-Artijiet. It-Tribunal josserva wkoll illi l-liċenzja tal-kummerċ għadha fuq l-

[1] Kuntratt ta' cens temporanju a fol. 6 *et sequitur*

[2] Ittra a fol. 16

[3] Ara ritratt a fol. 62

imsemmi Renato Tanti.[4] Kwindi t-Tribunal mhux ċert kif jiffigura sewwasew ir-rikorrent f'dan kollu.

Madanakollu t-Tribunal se jkompli biex jeżamina l-aggravji mressqa mir-rikorrent.

Illi permezz tal-ewwel aggravju r-rikorrent jgħid li l-Awtorita` kienet inkonsistenti fil-kunsiderazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet tagħha stante li fil-passat tat konċessjoni simili lill-istabbiliment in kwistjoni.

Illi huwa veru li fl-2013 Renato Tanti ngħata konċessjoni ta' sit b'*encroachment* biex ipoġġi mwejjed u siġġijiet. Dak li pero` qed jinjora r-rikorrent huwa li fl-2016 numru ta' entitajiet governattivi fformulaw politika, magħrufa bħala l-OCA Policy, li tiggwidahom fl-għoti ta' permessi fuq art pubblika lil stabbilimenti kummerċjali. Kif ġia' ingħad iktar 'il fuq, il-kwistjoni tat-tpoġġija ta' mwejjed u siġġijiet biswit gabbani hija regolata bl-istess Policy, liema Policy tipprojbixxi t-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet madwar gabbani. Illi għalhekk l-Awtorita` intimata ma kinitx qed tkun inkonsistenti meta rrifjutat l-applikazzjoni tar-rikorrent u dan għaliex proprju fil-mori bejn meta nħareġ l-*encrochment* tal-2013 u llum il-ġurnata, daħlet *in vigore* Policy li trid tiġi segwita biex ikun hawn uniformita` fid-deċiżjonijiet minn diversi entitajiet governattivi. Illi min-naħa l-oħra it-Tribunal jirrileva illi n-natura ta' *encroachment* hija waħda temporanja u bl-ebda mod wieħed ma jista' jippretendi li kiseb xi dritt perpetwu li l-istess konċessjoni tibqa' tingħatalu jew li tingħatalu oħra simili.

Illi permezz tat-tieni aggravju r-rikorrent jisħaq illi l-operat u l-posizzjoni tal-istabbiliment in kwistjoni hija xi ħaġa permanenti. Fuq dan m'hemmx dubju. Pero` jibqa' l-fatt illi l-istabbiliment huwa gabbana u l-Policy msemmija ma tagħmilx distinzjoni bejn *kiosk* li huwa permanenti u *kiosk* li mhuwiex. Di fatti, skont l-OCA Policy ***"kiosk refers to all types of kiosks, be they merely small food stalls, kiosks that are permanently fixed to a particular site, mobile kiosks occupying a fixed space on a permanent basis, or mobile hawkers."***

Illi di piu`, fit-trattazzjoni orali d-difensur tar-rikorrent saħaq illi teżisti anomalija bejn l-OCA Policy u l-ġestjoni ta' *kiosk*. Illi dan it-Tribunal ma jara ebda anomalija kif sollevata mir-rikorrent.

Kwindi t-Tribunal huwa tal-fehma illi t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud.

[4] A fol. 71

Illi permezz tat-tielet u r-raba' aggravju r-rikorrent isostni li d-deċiżjoni appellata tmur kontra l-*legitimate expectations* tiegħu u li l-istess deċiżjoni hija msejsa fuq kunsiderazzjonijet żbaljati u naqset li tieħu in konsiderazzjoni fatti passati mertu tal-istess sit.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi bl-ebda mod l-Awtorita` intimata ma ħolqot fih xi aspettattiva leġittima li kienet se tikkonċedilu l-permess mitlub. Anzi li kieku kien mod ieħor l-Awtorita` kienet qed tmur kontra *policies* stabbiliti u aċċessibbli għal kulħadd. Il-fatt li fl-2013 Renato Tanti ġie konċess *encroachment* bl-ebda mod ma jista' joħloq aspettattiva leġittima fih jew f'terza persuna li talbiet simili se jiġu akkordati mill-Awtorita` intimata, iktar u iktar issa li hemm proprju *policy* li tirregola dan is-settur. Lanqas dan it-Tribunal ma jsib illi l-Awtorita` intimata bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati stante li l-unika ħaġa li kellha tieħu in konsiderazzjoni hija l-OCA Policy. Lanqas ma kellha għalfejn tieħu in konsiderazzjoni xi fatti li setgħu seħħew fil-passat fuq l-istess sit. Madanakollu mill-*case officer report* esebit a fol. 38 jirriżulta li l-Awtorita` ħadet in konsiderazzjoni li diġa' kien hemm *encroachment permit* għal imwejjed u siġġijiet abbinat mal-istess gabbana. Illi s-sottomissjonijiet mressqa mir-rikorrenti fit-trattazzjoni orali, u ċioe`, li ladarba r-rikorrent ġie konċess il-ġestjoni ta' gabbana allura hija ħaġa naturali li jiġi konċess ukoll it-tqegħid ta' mwejjed u siġġiiet biswitha ma jsegwix. Illi kif qal tajjeb id-difensur tal-Awtorita` intimata, il-konċessjoni oriġinali ta' ċens temporanju proprju ngħatat abbażi ta' dak li kien jiddisponi l-Kapitolu 268 tal-Liġijiet ta' Malta, illum abrogat, fejn ai termini ta' paragrafu 4 (c) tal-iSkeda tal-istess Att il-Gvern seta jikkonċedi art pubblika b'ċens temporanju għal ħamsa w għoxrin (25) sena għall-bini ta' kjosks skont pjanti approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema konċessjoni setgħet tingħata lil dawk il-persuni li fl-1996 kienu fil-pussess ta' permess validu mid-Dipartiment tal-Artijiet biex joperaw kjosk f'dik l-istess lokalità. Illi b'din il-konċessjoni mogħtija favur il-konjugi Tanti, il-Gvern ċertament ma nissel ebda aspettattiva leġittima għal dak li llum qiegħed jitlob ir-rikorrent mingħand l-Awtorita` intimata. Għaldaqstant l-istess aggravji qegħdin jiġu miċħuda.

Illi permezz tal-ħames aggravju r-rikorrent jisħaq illi l-Awtorita` tikkonċedi regolarment permessi simili għal dak mitlub minnu. Illi apparti li ma nġabet ebda prova illi dan huwa minnu, anzi pjuttost dan it-Tribunal kellu okkażjonijiet fejn iddeċieda appelli b'mertu identiku għal dak in kwistjoni, ma jfissirx illi kull fejn wieħed jara mwejjed u siġġijiet fuq art pubblika neċessarjament dan ikun bil-barka tal-Awtorita` intimata. Dan it-Tribunal huwa konxju illi hawn abbuż lampanti f'dan ir-rigward u ma jagħtix tort liċ-ċittadin li jħoss li l-Awtorita` mhux qiegħda timxi ma' kulħadd bl-istess kejl. Pero` mill-esperjenza ta' dan it-Tribunal f'kawżi simili jirriżulta illi teżisti differenza kbira bejn dak li jiġi permess mill-Awtorita` intimata u dak li fil-verita` jkun qiegħed isir fuq l-art

pubblika. Illi għalhekk, kif diġa għamel diversi drabi, dan it-Tribunal jissolleċita lill-Awtorita` intimata sabiex issaħħah l-infurzar tagħha sabiex iċ-ċittadini ma jingħatawx l-impressjoni li mhix timxi ma' kulħadd bl-istess mod. L-Awtorita` intimata għandha tieħu azzjoni tempestiva sabiex ma tingħatax l-impressjoni li min jipprova jimxi mal-liġi qed jiġi kkastigat u min jieħu l-liġi b'idejh qed jiġi ppremjat. It-tkaxkir tas-saqajn fejn jidħol infurzar jagħti s-sembjanza ta' leġittimita` fejn leġittimita` proprju ma teżistix.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed jiċħad l-aggravji tar-rikorrent u konsegwentement jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**